**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 16 ta' Marzu 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 178/2021 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**Avv. Martha Mifsud u l-Prokuratur Legali Silvana Vella li ġew nominati bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw lil C B peress illi l-indirizz tiegħu mhux magħruf, b'digriet tal-20 ta' Awwissu 2021**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 1449/2001)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

---

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-partijiet kienu zzewgu fit-23 Marzu 2022 u minn din ir-relazzjoni twieldu erbat itfal; it-tifla l-kbira D B ghandha impjieg full time u ghalqet tmintax-il sena fis-6 ta' Mejju 2021, izda t-tlett itfal l-ohra E B, F B u G B ghandhom 14, 12 u 6 il-sena u ghalhekk ghadhom minorenni;*

2. *Illi l-partijiet flimkien ma' uliedhom kienu jghixu mal-genituri tal-esponenti izda l-intimat qatt ma kien jaghti kontribut finanzjarja u r-relazzjoni kienet ilha snin sejra hazin, sakemm fit-8 ta' Novembru 2020 l-intimat telaq mid-dar;*

3. *Illi z-zwieg ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabilment minhabba l-karattru vjolenti tal-konvenut u vjolenza domestika u cioe eccessi, minacci, sevizzi, theddid, u offiza gravi fost affarijiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-ligi bi htija imputabbli unikament tal-konvenut;*

4. *Illi l-ntimat ma kienx jaghti kontribut finanzjarja lill-familja tieghu anzi kien dejjem jitlob flus minghand l-esponenti, jew minghand familjari tal-esponenti jew qraba;*

5. *Illi di piu minn meta telaq mid-dar sal-lum l-intimat qatt ma hallas manteniment ghal uliedu ghalkemm saru tentattivi permess tal-medjazzjoni biex ssir separazzjoni bonarja u ghalkemm hemm ukoll digriet datat 11 ta' Mejju 2021, (anness u mmarkat bhala Dok A) fejn gie stabbilit il-manteniment pendente lite fl-ammont ta' €600 oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni izda ma sar ebda hlas u peress illi l-esponenti ma tafx fejn qieghed jirrisjedi hemm problema anke sabiex taghmel rapporti;*
7

6. *Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli;*

7. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti datat 27 ta' Mejju 2021, hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba eccessi, minacci, sevizzi, theddid, offiza gravi u abbandun mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentament tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;*

2. *Tafda l-kura u kustodja u s-setgha ta' genitur tat-tlett minuri fuq imsemmija esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u tawtorizzha sabiex tehu kwalunkwe decizjonijiet inkluz dawk relatati mal-hrug tal-passaport, mas-safar, mas-sahha u edukazzjoni tal-imsemmi minuri minghajr il-firma tal-missier;*

3. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli gha-tlett minuri, li jkopri ukoll l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni liema ammont ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti sakemm l-imsemmija tlett itfal jaghlqu l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu bi qliegħ jew sa tleita u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedu li tibqgħu jistudjaw u tipprovdi dwar kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;*

4. *Tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata;*

5. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih internament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48, 51 sa 55 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Tiddikjara xolta u tterminata l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li li l-istess oggetti formanti l-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lil attrici u l-ohra lil konvenut mhux necessarja b'mod ugwali;*

7. *Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hum inn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat id-digriet tal-20 ta' Awwissu 2021, fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr Martha Mifsud u lill-Prokuratur Legali Silvana Vella bħala kuraturi in rappreżentanza tal-konvenut u dan għall-finijiet kollha tal-liġi;[2]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati, fejn ġie eċċepit:[3]

*Illi l-esponenti ma għandha l-ebda kuntatt mal-intimat u lanqas hija edotta mill-fatti.*

*Illi f'dan l-istadju qiegħda titlob li tirriżerva d-dritt sabiex tkun tista' tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri fi stadju opportune u dan meta tun edotta mill-fatti.*

*Salv kull provvedient li din l-Onorbbli Qorti jogħġobha tordna.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati in rappreżentanza tal-konvenut;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat id-digriet tal-27 ta' Mejju 2021, fejn il-Qorti għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu bil-kawża għas-separazzjoni personali fit-termini mposti mil-liġi;[4]

Rat id-digriet tal-11 ta' Mejju 2021, fejn il-Qorti ordnat lil konvenut iħallas manteniment ta' €600 kull xahar, ċjoe' €200 għal kull wild oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri kontra rċevuti, liema manteniment jibqa' pagabbli sakemm il-minuri jagħqlu l-eta' ta' 18-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu bi qliegħ jew 23 sena skont iċ-ċirkstanzi provduti mil-liġi u dan b'effett mit-12 ta' April 2021, u magħdud ma' dan tali manteniment għandu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;[5]

[2] Fol. 17.
[3] Fol. 40.
[4] Fol. 7.
[5] Fol. 15.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2022,[7] il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi u ordnat li l-atti tal-medjazzjoni bin-numru 715/2020 jiġu allegati mal-atti odjerni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[8]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[9]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob is-separazzjoni personali billi jiġi ddikjarat li C B huwa ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Barra minn hekk, l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ, filwaqt li tawtorizza lill-istess attriċi tirrisjedi separatament minn żewġha;

2. Tapplika kontra l-konvenut *in toto* jew *in parte* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tiddikjara li l-kura, kustodja u s-setgħa tal-ġenitur tal-minuri aħwa B, għandha tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, filwaqt li tkun

[6] Maħtura għal tali fini fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2021, a fol. 41.
[7] Fol. 46.
[8] Fol. 95.
[9] Fol. 94.

awtorizzata tiegħu kull deċiżjoni relatati mal-minuri mingħajr il-firma tal-konvenut;

4. Tillikwida u tiffissa manteniment għat-tlett minuri, liema manteniment għandu jkun pagabbli mill-konvenut;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u konsegwentament tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, filwaqt li tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li l-konvenut huwa rappreżentat mill-kuraturi deputati stante li l-attriċi ma għandhiex informazzjoni dwar l-indirizz tal-konvenut u b'hekk qatt ma setgħat tinnotifikah. Madanakollu, għalkemm il-konvenut huwa rappreżentat skont il-liġi, l-istess kuraturi jiddikjaraw ġustament li huma ma humiex edotti mill-fatti.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*

Fl-affidavit tagħha,[10] l-attriċi tikkontendi illi pproċediet b'kawża ta' separazzjoni kontra żewġha għal diversi raġunijiet fosthom il-kwistjoni tas-self u d-dejn minn għand in-nies u qraba, inkluż ma' omm u z-zija tal-attriċi. Tispjega illi l-konvenut kien imur jitlobhom il-flus u jwiegħedhom li ser jirritornahom lura f'qasir żmien iżda qatt ma jżomm kelmtu. Huwa kien jitlob il-flus għaliex kien jgħid li kellu bżonn il-flus biex iħallas in-nies għaliex kienu qegħdin jhedduh illi ħa jagħmlu xi ħaġa lit-tfal. Kull darba li t-tfal kienu jaqgħilu xi ħaġa tal-flus u xi ħaġa ta' valur, huwa dejjem kien joħodilhom, saħansitra kien ħa ukoll il-karozza u biex toħodha lura l-attriċi kellha tħallas is-somma ta' €600. L-attriċi tgħid ukoll illi hija kellha titlaq mid-dar u marret għand il-ġenituri tagħha għaliex fid-dar matrimonjali bdew ġejjin nies li ma tafx għal flus. Tgħid ukoll illi raġuni oħra għaliex riedet tissepara kienet illi ftit taż-żmien qabel ma ntavolat il-kawża saret taf illi l-konvenut kien qiegħed jagħmel użu minn xi sustanzi. Fil-fatt tikkontendi illi minn mindu hija telqet mid-dar matrimonjali, il-konvenut kien ukoll imur xi żmien jgħix għand il-ġenituri tal-attriċi, iżda għal xi jiem kien jirritorna fid-dar

[10] Fol. 52.

matrimonjali, allegatament biex jabbuża mid-droga. Barra minn hekk, issemmi istanzi fejn il-konvent kien aggressiv.

Konsegwentament, l-attriċi tgħid illi ma kienux jgħixu ħajja ta' familja għaliex il-konvenut kien ifittex il-ħbieb, u meta kien ikollhom okkażjoni tal-familja ħafna mid-drabi kienet tmur waħeda. Lanqas ma kien jgħinha fit-trobbija tat-tfal u b'mod finanzjarju, iżda kienu l-ġenituri tal-attriċi li kien jagħtuha daqqa t'id. L-attriċi tgħid illi l-konvenut kien jagħmel iljieli barra, u ma kienx kapaċi jżomm impjieg, għalhekk kienet tgħix permezz tal-introjtu tagħha mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fis-somma ta' €602.78 kull erba' ġimgħat peress li kienet tieħu ħsieb lil missierha li kien *bed ridden*. Iżda dan l-introjtu waqaf hekk kif missier l-attriċi għadda għal ħajja aħjar.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[11] li ppreżenta kopja tal-*employment history* tal-konvenut, kif ukoll kopja tar-*registration history*, fejn jirriżulta illi l-konvenut ilu mis-sena 2019 li ħadem u/jew jirreġistra għax-xogħol;[12]

b. *Ix-xhieda ta' Joseph Rivans in rappreżentanza ta' Identity Malta,*[13] fejn ġie ddikjarat li fl-2014 applika mill-ġdid għall-karta tal-identita' fuq l-indirizz *'38, Dar is-Sliem, Triq l-Imdina, Naxxar'*, u fl-2016 biddel l-indirizz għal fuq *'10, Paradise, Triq in-Nutar Manuel Debono, Naxxar'*. Jingħad illi l-konvenut għadu bl-istess karta tal-identita' kif maħruġa fl-2016;

c. *Ix-xhieda ta' Simon Bugeja in rappreżentanza ta' Kerk Limited*,[14] li jikkonferma li miegħu kellu ngaġġjat lil konvenut għal numru ta' snin, iżda l-kuntratt tax-xogħol ġie terminat għaliex kien hemm drabi fejn ma kienx imur għax-xogħol bla kliem u bla sliem. Jikkonferma li kien tajjeb f'xogħolu, imma ma kienx jagħmel iktar mil-ħin tiegħu u dan minkejja li kellu ċ-ċans jagħmel *overtime*. Ix-xhud jgħid li ma kienx konsapevoli li l-konvenut kellu problema ta' xorb jew drogi;

[11] Fol. 61.
[12] Fol. 49, 50.
[13] Fol. 63.
[14] Fol. 67.

d. <u>*Ix-xhieda ta' Silvie Axiaq (PC 2106) in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulzija*</u>,[15] fejn ippreżentat rapport magħmul mill-attriċi mal-Pulizija kontra l-konvenut datat 30 ta' Marzu 2022, fejn irrappurtat illi l-konvenut qatt ma ħallas manteniment mid-data tad-digriet *pendente lite* tal-11 ta' Mejju 2021. Meta l-konvenut kien kkuntatjat huwa saħaq illi *bhalissa mhux qed nahdem, applikajt hafna postijiet pero xejn. Ghandi xahrejn jew tlieta ma nahdimx ghaliex ghamilt operation tal-qalb u l-bierah mort ghand il-professur u qalli li fadalli biex mmur nahdem. Jiena id-digriet kont naf bih iva, it-tfal tieghi imma m'ghandi xejn x'nghidlek",* filwaqt li kkonferma li kien qiegħed jirrisjedi ġeww *'10, Triq San Vincenz, Ħamrun'*;[16]

e. <u>*Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali,*</u>[17] fejn ippreżenta *statement* ta' benefiċċji pperċepiti mill-konvenut li jistabbilixxi li l-konvenut ingħata l-aħħar benefiċċji f'Għajnuna għal-Qagħad fl-2016 fis-somma ta' €3,987.03;[18]

f. <u>*L-affidavit ta' H I, ossija omm l-attriċi, debitament maħluf nhar l-20 ta' April 2022 u ppreżentat nhar il-21 ta' April 2022*</u>,[19] li kkonfermat il-verżjoni ta' bintha.

<u>*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*</u>

Il-Qorti tara illi ebda prova ma tresqet u fid-dawl ta' dan il-Qorti kellha tagħlaq l-istadju tal-provi tal-konvenut, u tinsab sprovvista mill-verżjoni tiegħu dwar il-fatti u l-mertu tal-każ odjern.

<u>*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*</u>

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a.* <u>*Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*</u>

[15] Fol. 87.
[16] Fol. 81.
[17] Fol. 88.
[18] Fol. 84.
[19] Fol. 85.

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[20] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[21] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[22] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[23] Fin-natura tagħha, il-vjolenza

[20]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[21]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[22]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[23]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[24] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[25]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[26]

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Jidher li l-partijiet iżżewġu nhar it-23 ta' Marzu 2002, minn liema żwieġ għandhom erbat itfal, oċssija D, E, F u G, aħwa B. Mill-atti jirriżulta illi D B hija maġġorenni u taħdem *full-time*, filwaqt li tlett itfal oħra għadhom minuri. Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali li wasslu għall-isfaxximent tal-istess, bir-riżultat li l-attriċi sfat sabiex bdiet il-proċeduri odjerni kontra l-kovenut, fejn tisħaq illi ż-żwieġ sfaxxa minħabba l-attitudni tal-konvenut, fejn allegatament huwa għandu problema ta' self ta' flus u droga, filwaqt li qatt ma għinha fit-trobbija tal-ulied u lanqas ma kkontribwixxa finanzjarjament għal bżonnijiet tatl-familja, liema kwistjonijiet skont l-attriċi taw lok għal separazzjoni personali abbażi ta' dawk il-kriterji elenkati f'Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, hija tara li ma għandhiex tiddubita l-verżjoni tal-attriċi, u ċjoe illi ż-żwieġ tal-partijiet tfarrak minħabba l-attitudni tal-konvenut. Il-Qorti tara li l-verżjoni tal-attriċi tinsab mhux kontradetta anzi kkorraborata permezz tax-xhieda ta' ommha. Fir-rigward tas-self tal-flus, il-Qorti rat ukoll li fl-abbozz tal-kuntratt għas-separazzjoni fit-taqsima tax-*'Xoljiment tal-Kommunjoni tal-Akkwisti'* bi qbil bejn il-partijet il-konvent assuma d-*'dejn kollu li hemm ma' J I'* - dan minnu nnifsu jkompli jikkonferma l-verżjoni tal-attriċi. Madanakollu u fir-rigward tal-allegata vjolenza kif ukoll l-allegat użu tad-droga, l-Qorti kienet tippretendi li l-attriċi tressaq provi oġġettivi, għaliex mill-atti jirriżulta li dawn ma ġewx minimament ippruvati, u fi kwalunkwe każ fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tarax li l-verżjoni tal-attriċi u ommha huma biżżejjed

[24]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[25]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[26]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

sabiex iwasslu lil Qorti għal konklużjoni illi ż-żwieġ tkisser minħabba tali kwistjonijiet.

Fid-dawl tal-premess u fi kwalunkwe każ, jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib lill-konvenuta ħatja ta' nġurji gravi.

## 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenut instab ħati ta' nġurji gravi. Tenut tal-fattispeċji odjerni, il-Qorti tara li għandha tilqa' t-talba tal-attriċi f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

## 4. Kura u Kustodja tal-Minuri, is-Setgħa tal-Ġenituri u l-Manteniment:

Miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieldu erbat (4) itfal, u ċjoe' D, E, F u G, aħwa B. Mill-atti ma jirriżultax li ġew ppreżentati l-atti tat-twelid tagħhom u għalhekk il-Qorti hija sprovvista mid-data tat-twelid preċiża tagħhom. Madanakollu mir-rikors promotur, li ġie ntavolat nhar is-6 ta' Lulju 2021, l-attriċi ddikjarat illi f'tali żmien D hija maġġorenni u tinsab f'impjieg, E kellha 14-il sena, F kellu 12-il sena u G kellu 6 snin. Għaldaqstant, il-Qorti tista' tasal għal konklużjoni illi D

hija maġġorenni, filwaqtli E, F u G għadhom kollha minorenni. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-kura, kustodja, issetgħa tal-ġenitur tal-minuri, jidher li ma ġewx formalment regolati permezz ta' deċiżjoni ta' din il-Qorti, iżda l-manteniment ġie regolat permezz ta' digriet datat 11 ta' Mejju 2021.

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Setgħa ta' Ġenitur, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[27] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[28] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad aBe col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso –* sotto quie *provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[29] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[30] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess*

[27] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[28] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[29] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[30] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

*minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[31] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[32] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>setgħa tal-ġenitur</u>, il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat *"Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri".* Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar*

[31] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[32] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieb tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk: *"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied"*. Il-Qorti tfakkar illi dawn l-obbligi m'għandhomx jipu applikati biss fir-rigward ta' ulied ta' ġenituri mizzewġin, izda ukoll versu dawk l-ulied li huma frott ta' ġenituri mhux magħqudin fiz-zwieġ. Fil-fatt il-liġi stess f'Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili tistipula illi *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom*

*bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B",* u ċjoe' kull ġenitur, irrelevanti jekk hux mizzewġin *o meno.*

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*</u>

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina <u>l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri</u>. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa rrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni.

Fil-każ odjern il-Qorti tara li l-attriċi tikkontendi li l-konvenut qatt ma kien preżenti fit-trobbija ta' uliedu – liema verżjoni qatt ma ġiet konradetta. Magħdud ma' dan, fin-nota ta' sottomissjoni tagħha, l-attriċi tisħaq illi *"l-esponenti ghandha bzonn li jkollha l-kura u kustodja tal-minuri ghax m'ghandha ebda kuntatt ma' missier it-tfal tant illi jekk jkollha bzonn xi haga fejn jehtieg il-firma ta' missier din ma tkunx tista' taghmilha minghajr l-approvazzjoni tal-Qorti ghax lanqas l-indirizz tieghu m'ghandha"*.[33] Stabbilit dan, il-Qorti rat illi dak allegat mill-attriċi ġie konfermat permezz ta' provi suffiċjenti, u b'hekk il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li kienet dejjem l-attriċi li ħadet ħsieb lill-minuri, u kompliet tagħmel dan b'mod esklussiv waħedha kemm qabel kif ukoll wara li l-konvenut għoġbu li jitlaq minn ħajjet l-attriċi mingħajr ebda indikazzjoni tal-indirizz residenzjali tiegħu.

[33] Fol. 98.

F'każ simili għal dan odjern, senjatament fis-sentenza fl-ismijiet **Carol Montebello vs Dr Helga Buttigieg et noe**,[34] il-Qorti rribadiet illi dan it-tip ta' aġir *"huwa wieħed li jirrispekkja disinteress u nuqqas ta' volonta' li wieħed jinvolvi ruħu b'mod adegwat fit-trobbija ta' uliedu stess. Għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex lok sabiex tiddubita li l-minuri daħlu f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex prezenti. Il-Qorti bl-ebda mod ma tfaħħar, tiġġustifika jew taqbel ma' dan il-modus vivendi, anzi bil-wisq tikkundannah u tiddeplorah għaliex kull ġenitur għandu l-obbligu li jieħu ħsieb, jeduka, jmantni u jipproteġi lill-uliedu stess. Ma huwiex xi unur li wieħed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu u jfarfar l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq il-ġenitur lieħor filwaqt li kappriċċozament jagħmel tabirruħu li m'għandux ulied u jgħix ħajja oħra".*

Fil-każ odjern jidher li l-preżenza fiżika, l-interess tal-konvenut f'uliedu kif ukoll l-komunikazzjoni tiegħu ma' uliedu hija waħda ineżistenti - liema għaġir għal-Qorti ma huwiex wieħed desiderabbli wisq anqas aċċettabbli. Il-Qorti tistenna li l-konvenut għandu jkun preżenti fiżikament, emozzjonalment u finanzjarjament għal uliedu. Għaldaqstant u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi u dan anke billi l-minuri jibqgħu jirrisjedi mal-attriċi, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha.

Magħdud mas-suespost, il-Qorti waslet għal konklużjoni illi: (i) il-minuri daħlet f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex preżenti, u (ii) fid-dawl tal-fatt li l-konvenut ma għandu l-ebda interess f'uliedu u lanqas ma huwa preżenti f'ħajjthom, hemm lok li jiġu applikati subinċiż (a), (b) u (e) tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Luke Anthony Cauchi vs L-Avukat Benjamin Valenzia et noe**,[35] fejn f'sitwazzjoni fejn il-konvenuta kienet assenti u abbandunat lil minuri, il-Qorti saħqet illi *"mil-liġi wieħed jista' faċilment jiddeduċi illi ċ-ċaħda tal-awtorita' tal-ġenitur għandha titqies bħala l-eċċezzjoni għar-regola, u b'hekk sabiex talba ta' din in-natura tiġi akkolta jenħtieġ raġunijiet ferm gravi u serji. Fid-dawl tal-provi miġjuba fil-mori tal-kawza, il-Qorti hija tal-fehma li hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-konvenuta stante li dak kontemplat fis-subinċiż (a) u*

[34] Deċiża minn din il-Qorti kif preseduta, nhar l-24 ta' Ġunju 2021, mhux appellata.
[35] Deċiża minn din il-Qorti kif preseduta, nhar is-7 ta' Jannar 2021, mhux appellata.

*(e) tal-istess Artikolu ġew pruvati sal-grad rikjest mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenuta jibqa' jkollha xi forma ta' awtorita' fuq l-istess minuri, liema awtorita' se mai tista' tintuza fil-futur sabiex tieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attur u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kien biss l-istess attur li ħa ħsieb lill-minuri, mantnieha u edukaha fl-assenza tal-konvenuta".*

Għalhekk minn eżami tal-atti in eżami, il-Qorti tinsab moralment konvinta li bid-diskrezzjoni tagħha din għandha tgħaddi sabiex tqis illi l-konvenut ma jixraqlux jibqa' vestit bis-setgħa tal-ġenitur tal-minuri E, F u G, aħwa B, u dan dejjem bl-intiża li jiġu salvagwardjati l-interessi supremi tal-minuri kkonċernati. Għalhekk u ġialadarba l-konvenut abbanduna lil uliedu minuri u ħalla lill-attriċi tfendi waħedha biex tmantni u tgħajjex lill-istess minuri, is-setgħa tal-ġenitur għandha wkoll tkun vestita esklussivament fl-attriċi biss, b'dana illi l-konvenut jiġi żvestit mill-awtorita' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan konsegwentament ifisser illi l-attriċi hija awtorizzata tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-attriċi.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikomplu jgħixu ma' ommhom, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. *Pendente* lite, il-konvenut huwa ordnat iħallas is-somma ta' €600 f'manteniment għal tlett (3) minuri u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Anita Magro vs Kenneth Cassar**,[36] ġie ritenut illi *"Is-somma minima mogħtija mill-Qorti fil-preżent hija dik ta' €200 kull xahar jew erba' ġimgħat. Barra minn hekk u flimkien mal-manteniment, il-Qorti tiddeċiedi ukoll dwar l-ispejjez reltati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-wild. F'kaz li ma jiġix ezebit prospett tal-ispejjez involuti u/jew meta l-introjtu ikun wieħed baziku, din il-Qorti normalment tagħti s-somma ta' €75 fix-xahar jew erba' (4) ġimgħat".*

[36] Deċiża minn din il-Qorti, kif presjeduta, nhar il-15 ta' April 2021 (Rikors Ġuramentat Numru 262/2014 AL), mhux appellata.

Fid-dawl tas-suespost u fiċ-ċirkostanzi odjerni kif irriżultaw mill-atti in eżami, il-Qorti tordna lil konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar għal kull minuri, liema somma tinkludi nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depożitat direttament lil attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal minuri sakemm jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, jew min minnhom, jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom u jkunu għadhom jistudjaw fuq bażi *full-time,* il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom.

**5. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar it-23 ta' Marzu 2022, din għandha titqies bħala d-data li fiha li ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*<u>Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*<u>Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjonii tal-Istess</u>*

<u>Fir-rigward ta' proprjeta' u/jew dar matrimonjali</u>, il-Qorti tinnota li ma ġiex ippruvat illi fiż-żwieġ saru transazzjonijiet ta' xiri jew bejgħ ta' proprjeta'. Fil-fatt id-dar li kienet tikostitwixxi d-dar matrimonjali, jingħad li tappartjeni lil familja tal-attriċi u għalhekk ma tiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant u għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tiddikjara li dan il-fond bl-indirizz ta' *"Paradise, 10, Triq in-Nutar Manuel Debono, Naxxar"*, ma għadux iservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet u b'hekk il-konvenut ma għandu l-ebda jedd fuq tali fond, tant li l-imsemmi indirizz ma għandux jibqa' imniżżel fuq il-karta tal-identita' tiegħu kif ukoll huwa għandu jallontana ruħu mill-istess fond.

*<u>Rigward il-kontjiet bankarji</u>*, il-Qorti tara illi mix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc,[37] ġie ddikjarat li fuq isem il-konvenut irriżulta kont wieħed bin-numru 40019865568 bħala *savings account*[38] li nfetaħ f'April 2011 u għadu miftuħ. Min-naħa l-oħra mx-xhieda ta' Lorraine Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc,[39] ġie ddikjarat li ma kienx hemm kontijiet f'isem il-konvenut. Il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih;

*<u>Fir-rigward ta' kwalsiasi dejn</u>*, il-Qorti tordna li kull dejn li sar fiż-zwieġ u għadu pendenti għandu jiġi assenjat lil konvenut, għajr għal dak dovut lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u dan kif iddikjarat u ppruvat mill-attriċi fl-affidavit tagħha.[40] Dan il-bilanċ dovut lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għandu jibqa' assenjat *in solidum* liż-żewġ partijiet.

*<u>Fir-rigward assi parafernali</u>*, il-Qorti tara li ma tresqet l-ebda prova ta' dan, madanakollu għal kull buon fini l-Qorti tiddikjara illi dak kollu li l-attriċi wirtet minn għand missierha, dak huwa parafernali tagħha u ma jiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[37] Fol. 47.
[38] Fol. 51, u mmarkat bħala Dok. JB.
[39] Fol. 60.
[40] Fol. 53, 57.

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva tal-konvenut u dan abbażi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tawtorizza lill-attriċi sabiex tgħix separatament minn żewġha;

2. Tilqa' t-tieni talba tordna li l-kura, il- kustodja u s-setgħa tal-ġenitur ta' E, F u G, aħwa B, tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, bil-konsegwenza illi l-attriċi għandha l-jedd li tieħu kull deċiżjoni fil-konfront tal-minuri mingħajr il-kunsens, awtorizzazzjoni u/jew firma tal-konvenut;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba u tordna lil konvenut iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar għal kull minuri, liema somma tinkludi nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depożitat direttament lil attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal minuri sakemm jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi full-time wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, jew min minnhom, jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż children allowance għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom u jkunu għadhom jistudjaw fuq bażi full-time, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom;

4. Tilqa' il-ħames talba u u tapplika *in toto* fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

5. Tilqa' is-sitt talba tiddikjara xolta u tterminata l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet u dan skont it-taqsima numru ħamsa (5) ta' din is-sentenza;

6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba';

7. Tordna illi ai termini tal-Artikolu 35 subinċiż 3 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 1449/2001 u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, b'dan li l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.